# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tal-14-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**14.01 Talba**

14.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**14.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

14.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li l-Kunsillier Sciberras infurmana li kien ser jasal ftit tard għal-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**14.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 13**

14.03.01 Is-Sindku kkonċediet ftit ħin sabiex ikunu jistgħu jinqraw minn min ma laħaqx jarahom. Il-Minuti tal-laqgħa numru 13 ġew approvati unanimament wara emenda mressqa mill-Kunsillier Galea dwar minuta 13.08.04. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsillier Galea ssekonda.

**14.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

14.04.01 Is-Sindku infurmat li rċevejna l-*clearance* mingħand l-*ERA* sabiex titneħħa s-siġra kbira u goffa fi Triq Baskal Xuereb. Il-kuntrattur informa lis-Sindku li l-ispejjeż biex din is-siġra titqaċċat se jitilgħu għal madwar EUR3,000, u għaldaqstant hija kkunsidrat titlob l-għajnuna lid-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing Department*, fejn huwa aċċetta li jgħin fil-qtugħ ta' din is-siġra billi tinqata' ftit ftit u mhux kollha f'salt. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan filwaqt li qablu li naċċettaw l-għajnuna tal-*Cleansing Department*.

14.04.02 Is-Sindku infurmat li rċevejna *clearance* oħra mingħand l-*ERA* sabiex is-siġra taż-żebbuġ li riċentement tħawwlet fi Ġnien M'Anġ Sapiano, tinqala' u titħawwel fi Ġnien Tfal ir-Raħal biswit siġar oħra taż-żebbuġ fejn hemm spazju biżżejjed biex postha jkun hemm. Dan ix-xogħol se jkun qed isir mill-kuntrattur tal-Kunsill – Callus Garden Centre. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

14.04.03 Is-Sindku rreferiet għad-dawl tat-triq ġdid meħtieġ fi Sqaq Nru 2 fi Triq Valletta, li kien ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill, fejn kienu ġew anke ppreżentati l-istimi, kemm biex isiru LED inkluż il-*cabelling* kollu, kif ukoll biex isiru li jkunu jaħdmu b'sistema solari. Minkejja

li s-Sindku kienet infurmat li se tipprova tara jekk id-dawl jistax isir min-naħa tal-Ministeru, sfortunatment, sal-lum għad ma kellhix risposta pożittiva. Għaldaqstant hija qed tissuġġerixxi li għandna ninstallaw iż-żewġ lampi skond l-orħos stima, u cioè lampi li jaħdmu bis-sistema solari. Il-Kunsillieri qablu ma' dan u se tinbgħat l-ordni lill-Kuntrattur sabiex jiġu nstallati mill-aktar fis minħabba d-dlam li hemm fiż-żona.

14.04.04 Is-Sindku tkellmet dwar ir-road hump fi Triq Ħal Kirkop li ta' spiss qed tispiċċa mqatta'. Mill-uffiċċju tlabna lil TM jekk din il-hump tistax issir tat-tarmac minflok u t-talba ġiet approvata. Meta ġew ikkumparati l-ispejjeż bejn hump tar-rubber (madwar EUR800) u hump tat-tarmac (madwar (EUR1700), kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti li għandha tiġi ordnata *road hump* tat-tarmac għaliex din isservi ħafna iktar.

14.04.05 Is-Sindku infurmat li kif iddiskutiet mal-Viċi Sindku, li għandu r-responsabiltà tal-Edukazzjoni, ser jiġi organizzat kors fl-*Iscratch Programming* għal grupp ta' mhux iktar minn 10-il tifel u tifla ta' 10 snin u se jsir f'Lulju 2025 ġewwa l-Librerija Pubblika tal-Imqabba. Il-kors se jsir b'xejn mis-Sur Charles Zerafa – kwalifikat fl-IT. Se jkun qed isir poster sabiex jiġi rriklamat dan il-kors, fejn jistgħu japplikaw għalih fuq bażi *first come first served*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.04.06 Is-Sindku infurmat li nhar il-5 ta' Ġunju 2025, fl-istess ġurnata fejn fl-Iskola Primarja se jkollhom *ice-cream day*, ser tittella' attività żgħira wkoll mill-Kunsill Lokali flimkien mar-Reġjun Punent, fejn ser ikun qed jintuża ż-żejt li ħareġ miż-żebbuġ magħsur li kien inġabar mill-istudenti lura f'Ottubru 2024 minn Ġnien Tfal ir-Raħal. Waqt din l-attività, iż-żejt se jintuża mal-ħobż tal-Malti midluk bil-kunserva. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.04.07 Rigward it-toilets ta' Ġnien Tfal ir-Raħal, li se jiġu konvertiti fi store, is-Sindku infurmat li l-Perit bagħtilna d-drawings tal-istruttura eżistenti u tal-istruttura kif proposta li tiġi. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dan u qablu li minflok tlett bibien ikun hemm bieb wieħed kbir biex ikun hemm aċċess tajjeb anke għal xi makkinarju żgħir. Kien hemm qbil ukoll li għal dan il-proġett se nissottomettu l-applikazzjoni għall-iskema SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, fejn il-massimu ta' fondi li jistgħu jammonta għal EUR30,000. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

14.04.08 Is-Sindku semmiet il-*Planning Board* li kienet preżenti għalih, fejn f'isem il-Kunsill kien hemm ukoll il-Perit Tara Cassar u l-Avukat Dr Claire Bonello li ressqu r-rappreżentazzjoni b'mod professjonali kontra din l-applikazzjoni *PA/0350/22 - Quarry No. 48, formally No. 38, Triq il-Belt Valletta, Sqaq Nru. 2, Mqabba* – flimkien ma' rappreżentazzjonijiet oħra li saru minn oħrajn rigward din l-applikazzjoni. Il-Perit tal-applikanti spjega li dan il-proġett mhux ser ikun ta' dannu ambjentali, fejn fost l-oħrajn it-trab se jkun kontenut u fejn saħansitra talab sabiex titnaqqas anke l-garanzija. Iċ-chairman ta 6 ġimgħat ċans sakemm jerġa' jitlaqqa' l-*Planning Board*, sabiex l-applikant jemenda ċertu mitigazzjonijiet. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.04.09 Is-Sindku infurmat li se jkun hemm *Planning Board* ieħor dwar l-applikazzjoni *PA/6752/20 - Sm 28, Triq Tas-Sejba, Sqaq Nru.1, Mqabba* – fejn kien hemm qbil li tiġi kkonfermata l-attendenza kemm għall-*informative meeting* kif ukoll għall-*Planning Board*, filwaqt li s-Sindku ser tikkomunika lura mal-Kunsillieri dwar fuq x'hix se tkun l-oġġezzjoni jew ir-rapprentazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.04.10 Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni għall-fondi – SPI.SCI.02.2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 /2026 – ġiet sottomessa u jekk nikkwalifikaw, issir it-tielet edizzjoni ta' "Stilel Taħt il-Kampnar". Rigward skemi, hija semmiet ukoll l-iskema l-oħra SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 – li se tiġi sottomessa propju għada, fejn hija pproponiet li l-attività tal-Milied 'Il-Mixgħela tal-Pjazza' li s-soltu titella fl-1 ta' Diċembru, għandha tittella' is-Sibt 29 ta' Novembru 2025 biex tkun xorta l-ewwel waħda fi żmien il-Milied kif ukoll biex ma' taħbatx mal-Festa tal-Kunċizzjoni li tiġi ċċelebrata fil-*weekend* ta' wara. Il-Kunsillieri qablu ma' dan.

14.04.11 Is-Sindku tkellmet dwar residenta li avviċinatha rigward aċċident li kien ser ikolla, fejn minħabba xi mwejjed u siġġijiet li kien hemm armati fi Pjazza tal-Knisja, għal ftit ma laqtithix vettura. Wara dan il-każ, is-Sindku ħasset li għandha tiċċekkja sew dwar min ikun responsabbli f'każ li jkun hemm xi inċident – jekk hux l-individwu li jkun rama l-imwejjed u s-siġġijiet bla permess, jew jekk hux il-Kunsill li jkun rahom armati u ma ħa l-ebda azzjoni. F'laqgħa li kellha mal-avukat tal-Kunsill, fejn kienet preżenti anke is-SE, dwar dan, huwa qal li jekk dawn jintramaw bla permess, jew fuq marki sofor tat-triq, jew jostakolaw bankina, waqt li l-Pjazza tkun miftuħa għat-traffiku, huwa żgur li hemm irregolarità, u ladarba jkunu qed jokkupaw art pubblika, ir-responsabiltà taqa' fuq il-Kunsill Lokali. Min-naħa l-oħra, jekk il-Pjazza tkun magħluqa għat-traffiku u l-Kunsill joħroġilhom il-*one time event permit*, dawn it-talin ikunu in regola. Għaldaqstant, l-avukat issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel talba lill-Perit tal-Kunsill, sabiex jikseb l-informazzjoni dwar min hu regolat bil-permessi meħtieġa u min le, filwaqt li jara fejn u x'suppost jista' jitpoġġa u jintrema madwar il-Pjazza, sabiex b'din l-informazzjoni jkun jista' jipprovdina b'rapport li nkunu nistgħu ngħadduh lill-avukat. B'dan ir-rapport dettaljat, tkun tista' tiġi ċċirkulata notifika legali, sabiex wieħed jirregola ruħu, altrimenti jinżamm responsabbli għal li jista' jinqala'. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan, u qablu li għandna nkellmu lill-Perit u nipproċedu skond il-parir tal-avukat.

14.04.12 Is-Sindku infurmat li l-mawra għal Sqallija se torganizzaha għal nhar l-10 ta' Settembru 2025, filwaqt li rigward il-*Gozo by Night*, se tipprova tagħmel iż-żewġ mawriet, nhar il-25 ta' Lulju 2025 u nhar l-1 ta' Awwissu 2025, dejjem jekk m'hemmx attivitajiet oħra ta' xi Soċjetà skedati fl-istess ġranet u skond jekk tat-*train* ikunx disponibbli. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.04.13 Is-Sindku infurmat li l-AKL u r-Reġjuni taw l-opportunità lis-Sindki ta' kull lokalità, sabiex fl-okkażjoni tal-*European Week tal-Committee of Regions*, bejn it-12 u s-16 ta' Ottubru 2025, ser imorru ġewwa Brussels. Il-*flights* ser jitħallsu mir-Reġjuni filwaqt li l-akkomodazzjoni ser titħallas mill-Kunsilli. Fil-każ tas-Sindku, hija sert kun qed taqsam il-kamra flimkien mas-Sindku taż-Żurrieq, sabiex l-ispejjeż ma jkunux għoljin. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

14.04.14 Rigward il-proġett tar-restawr tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li tlesta ħafna xogħol fosthom iċ-ċangatura impoġġija kollha, il-fili ta' ġewwa tnaddfu u mtlew kollha bil-*hydrolic lime*, l-aperturi ġew xkatlati u fadal l-aħħar ftit xogħol fuqhom li għandu jsir lejn l-aħħar tal-proġett, it-travi hemm bżonn li jsir trattament apposta fuqhom minħabba l-ħsara mill-*wood worm*, il-ħadid inqala' biex jintbgħat għall-*blasting*, is-siġra li kienet qed tikkaġuna ħsara bl-għeruq tneħħiet, u l-ġebel ħażin li kellu jinbidel fuq struzzjonijiet tal-SCH, inbidel kollu. Fadal iktar xogħol fuq l-istruttura tal-injam, fejn il-bażi hija lesta.

14.04.15 Is-Sindku infurmat li mill-informazzjoni li rċeviet mingħand TM, ir-rotta 117 u 218, se tkun qed tibda topera kif suppost daqs madwar tlett ġimgħat oħra. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**14.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

14.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa rigward ir-Rapport Tekniku li kellu jsir fuq Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, L-Imqabba. Is-Sindku infurmat li jidher li l-*as-built drawings* ma nstabux. Hija kompliet li talbet lill-kumpanija li l-Kunsill qabbad biex tipprovdi l-imsemmi rapport, jekk hemmx xi alternattiva kif jista' jsir dan ir-rapport jekk mhux bl-*as-built drawings*. Hija ġiet infurmata li se jiġi ċċekkjat ma' persuna professjonali barranija. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.05.02 Il-Viċi Sindku staqsa dwar iż-żewġ biċċiet minn road hump f'Tat-Torba, li tqaċċtu u kellhom jitwaħħlu lura mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-SE infurmatu li l-ħaddiema qalulha li jekk se jwaħħluhom huma billi jagħmlu toqob ġodda, il-boldijiet se jibqgħu 'l fuq u jistgħu jikkawżaw ħsara fit-tyres tal-vetturi. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dawn u qablu li għandna navżaw lill-ħaddiema biex jagħmlulhom 'il-friża' u jkunu jistgħu jwaħħluhom. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar żewġ imirja li kellhom jiġu nstallati biswit l-imsemmija road hump. Is-SE infurmatu li se tara fhix waslet l-ordni għalihom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

14.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-marki tat-triq ta' Triq tas-Sejba. Is-Sindku infurmatu li l-kuntrattur tal-Kunsill applika għar-*Road Work Permit*, iżda li beda jinżamm minħabba x-xogħol li kellu jsir fi Triq Ħal Farruġ. Is-Sindku insistiet li dan m'għandux ikun, ladarba x-xogħol fi Triq Ħal Farruġ għadu ma bedix. Issa qed nistennew konferma mill-KOPTASIN meta se jkun jista' jiġi f'darba biex jagħmel iż-*zebra crossing* u anke l-marki kollha tat-triq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar is-CCTV Cameras tal-Pjazza. Is-SE infurmat li l-problema tas-SIM Cards ġiet riżolta. Hija kompliet li l-filmati Live qed jarawhom kemm min-naħa tar-Reġjun kif ukoll min-naħa tas-*supplier* tagħhom. Madankollu, mill-Kunsill il-filmati Live mhux qed jidhru u qed jiġi ċċekkjat min-naħa tal-Inġinier u min-naħa tal-IT Manager tar-Reġjun x'inhi l-problema. Se jiġi ċċekkjat ukoll jekk min-naħa tal-LESA għandhomx problemi biex jaċċessaw il-*cameras* sabiex jekk jistgħu jarwhom, niktbulhom sabiex jagħtuna madwar ġimgħa ċans biex bħala Kunsill navżaw lir-residenti li l-cameras se jibdew joperaw u li allura se jibdew jinħarġu ċ-ċitazzjonijiet. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.05.05 Il-Kunsillier Galea semma r-risposta li rċevejna mingħand il-WSC dwar ix-xogħol li kien sar mill-kuntrattur Rockcut fi Triq tas-Sejba, fejn qalu li x-xogħol huwa magħluq. Il-Kunsillier Galea qal li se jipprovdi r-ritratti lis-SE biex tibgħathom lill-WSC bħala prova li r-*reinstatement* mhux vera sar.

14.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-użu tal-*pool* fil-faċilitajiet sportivi ta' Bormla. Is-Sindku infurmat li minkejja n-numru ta' korrispondenza dwar dan fejn xorta ma kien hemm xejn ċar, hija ċemplet lill-HR fejn għaddewa mal-faċilitajiet sportivi tal-Qroqq, peress li l-Imqabba jistgħu jużaw t'hemm u mhux ta' Bormla. Huma infurmawha li dawk l-anzjani

interessati, kemm imorru tal-Qroqq b'ċertifikat li huma jistgħu jgħumu u ritatt tal-passaport u mbgħad ikellmuhom minn hemm. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad magħna fil-laqgħa, fis-7:15pm.***

14.05.07 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar Triq Ħal Farruġ li kellha tingħalaq minħabba xogħol fit-triq. Is-Sindku infurmatu li x-xogħlijiet li kienu skedati twaqqfu u s'issa għadhom ma tawnix data oħra meta se jsir ix-xogħol. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**14.06 Festa Madonna tal-Ġilju 2025**

14.06.01 Is-Sindku spjegat fid-dettall dwar l-*issues* u l-proċeduri ġodda fir-rigward tat-talbiet għall-approvazzjoni minn TM għall-għeluq ta' toroq, fosthom il-Pjazza tal-Knisja u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kif ukoll biex Triq Valletta tiġi temporanjament *two-way*, biex ikunu jistgħu isiru l-preparamenti kollha u l-festa nfisha, u biex eventwalment tkun tista' ssir anke d-devjazzjoni tat-trasport pubbliku. It-tali talbiet iridu jsiru dirett mis-Soċjetajiet għaliex huma eżentati milli jidħlu fi spejjeż ta' *insurance* u *risk assessment*, sabiex jinħareġ in-*No Objection* ta' TM kif ukoll id-*DPN* tal-Pulizija, li mingħajrhom ma jkunx jista' jingħata s-servizz tal-LESA għall-immaniġġjar tat-traffiku

14.06.02 Is-Sindku kompliet billi qalet li iktar ma jmur iktar qed jogħlew l-ispejjeż relatati ma' servizzi *extra* fil-jiem tal-festi, fejn fosthom hemm l-immaniġġjar tat-traffiku fejn issa qed nieħdu *discount* ta' 15% biss, il-ftuħ għal ħin itwal tal-latrina pubblika, it-tindif tat-toroq, il-ġbir tal-borża s-sewda kuljum tul il-ġimgħa tal-festa, il-kirja tal-ambulanza *stand-by*, il-kirja tal-*mobile toilets*, u l-fjuri. L-ispejjeż fuq dawn is-servizzi għaż-żewġ festi lokali se jiswew lill-Kunsill madawar EUR 18,000. Is-Sindku enfasizzat li l-Kunsill ma jaffordjax jidħol għal iktar spejjeż relatati mal-festi u jrid jaqta' linja x'imkien għar-raġuni li għandu diversi *commitments* li ma jistax jispiċċa ma jkunx jista' jonorahom. Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-Kunsillieri preżenti.

14.06.03 Il-Viċi Sindku ressaq talba oħra f'isem l-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, biex il-Kunsill jipprovdi l-*bowsers* tal-ilma li jkunu *stand-by* fl-għelieqi minħabba n-nar. Il-Kunsillieri ddiskutew din it-talba, fejn kien hemm qbil unanimu li għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, din it-talba ma tistax tintlaqa'.

14.06.04 Is-Sindku infurmat ukoll li s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju talbet biex tingħata permess għal posta/kjosk fl-area fejn se jkollhom is-siġġijiet armati fi Triq il-Konvoj. Il-Kunsillieri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan, fejn hekk is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju se jkollha l-posta allokata għaliha għal kull sena, dik f'kaxxa numru 4, u din tal-aħħar fl-area tas-siġġijiet.

14.06.05 Is-SE uriet il-preokkupazzjoni rigward in-No Objection li għadha ma ingħatax minn TM dwar l-għeluq tat-toroq u speċjalment dwar Triq Valletta biex tiġi tempranjament two-way. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u kien hemm qbil li bħala Kunsill nistgħu ninstallaw żewġ tabelli "No Access ta' Church Square" sabiex jonqos il-volum ta' traffiku li jidħol fi Triq Valletta.

**14.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2024**

14.07.01 Is-Sindku infurmat li dawn għadhom ma ġewx finalizzati min-naħa tal-awdituri. Is-SE spjegat li għal xi raġuni, l-*audit fieldwork* kellu jkun finalizzat iktar kmieni għaliex skond

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

iċ-ċirkulari mid-DLG, l-*audited financial statements* għas-sena 2024, tal-Kunsilli Lokali ta' Għawdex u tal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt ir-Reġjun Punent, kellhom jiġu sottomessi sal-5 ta' Mejju 2025. Is-SE infurmat lid-Dipartiment dwar dan, u kompliet li min-naħa tal-uffiċċju u min-naħa tal-*accountant* tal-kunsill, sa dalgħodu ġiet mgħoddija d-dokumentazzjoni kollha li sa nhar it-Tnejn li għadda, l-awdituri kienu għadhom qed jitolbu. Is-SE fakkret ukoll, biex għall-iskedar tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jittieħdu in konsiderazzjoni l-imsemmija *Audited Financial Statements*, fejn dawn iridu jiġu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill, jiġu ffirmati u mgħoddija lill-awdituri biex eventwalment jiġu sottomessi lin-NAO sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**14.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

14.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni

**14.9 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

14.09.01 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Skemi ta' Finanzjament 2025 (it-Tieni Parti). Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026. Il-massimu li nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema huwa dak ta' EUR 5,000. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

14.09.02 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Skemi ta' Finanzjament 2025 (it-Tieni Parti). Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-massimu li nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema huwa dak ta' EUR 30,000. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

14.09.03 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Skemi ta' Finanzjament 2025 (it-Tieni Parti). Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament–Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità. Il-massimu li nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema huwa dak ta' EUR 100,000. Il-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li għandna napplikaw għal din l-iskema finanzjarja. Ġie approvat ukoll illi l-Kunsill lest li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li mhux ser ikunu koperti mill-iskema.

14.09.04 Korrispondenza mingħand il-kumpanija RefabLightblue Partnership li għandhom il-blue bins tal-irriċiklar tal-ħwejjeġ. Il-proposta tagħhom hija li jekk il-Kunsill Lokali huwa interessat, jistgħu jipprovdulna bin oħra ħdejn dik blue tal-ħwejjeġ, biex wieħed ikun jista' jiddisponi miż-żejt tat-tisjir. Il-Kunsillieri ddiskutew din il-proposta u ma qablux li għandu jkollna din il-bin, ladarba bħalissa r-residenti qed jinqdew mill-WasteServ Truck li jiġi darba fix-xahar.

14.09.05 Korrispondenza mingħand l-ARPA fejn rigward l-proġett tal-*Heritage Trail*, li għalih il-Kunsill kien ikkwalifika għas-somma ta' kważi EUR10,000, infurmawna li hemm

*Financial Correction* fosthom rigward it-talba għal stima tal-*Historian* li ġiet ppubblika fuq il-Gazzetta tal-Gvern u mhux fuq l-*E-Tenders* platform. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie ppenalizzat u se jitnaqqsulu madwar EUR 5,000. Is-Sindku uriet id-dispjaċir tagħha dwar dan fejn infurmat li mhux se tapplika għal iktar fondi tal-GAL Xlokk filwaqt li jkun aħjar li l-Kunsill ma jibqax membru tal-GAL Xlokk u ma jibqax iħallas il-*membership.* Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota, filwaqt li lkoll qablu li ma nibqgħux membri tal-GAL.

14.09.06 Korrispondenza mingħand Jose' A. Herrera & Associates Advocates rigward Mqabba Mustang Club Static Car show. Is-Sindku talbet lis-SE tweġibhom li filwaqt li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li ssir l-imsemmija esibizzjoni, jridu jsiru t-talbiet għall-għeluq tal-Pjazza u għad-DPN min-naħa tagħhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.09.07 Korrispondenza mingħand *The Club* fi Pjazza tal-Knisja, fejn saret talba biex jintaramaw l-imwejjed u s-siġġijiet kif ukoll bar fit-triq fil-jiem tal-festa, u sabiex issir toqba fil-bankina jew fit-triq fejn teħel umbrella. Il-Kunsillieri iddiskutew din it-talba u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali joħroġ il-permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet kif jagħti lill-każini kollha fejn l-area li jista' jokkupa ma tkunx iktar minn 10 sq m. Filwaqt li rigward il-bar, dan ma jaqax fir-*remit* tal-Kunsill. Rigward it-toqob fit-triq għall-umbrella, qamet diskussjoni fejn intqal li apparti li l-Pjazza hija fir-responsabiltà tal-Public Works, jekk il-Kunsill jaċċetta li jkun hemm l-umbrelel, ser ikun qed jinħoloq preċedent wisq aktar li se tkun qed tiġi ostakolata bankina pubblika. Ġie diskuss ukoll jekk il-Kunsill għandux jikteb lill-*Public Works* f'isem *The Club* dwar l-imsemmija toqob, u li jekk dawn isiru u xi ħadd iweġġa', jagħtuna garanzija bil-miktub li r-responsabiltà tkun tagħhom. Hawnhekk ittieħed vot, u riżultat ġie 4 kontra 1 li bħala Kunsill ma naċċettawx li jkun hemm umbrelel fil-Pjazza u għaldaqstant m'għandnix niktbu lill-*Public Works* biex jikkunsidra t-talba ta' *The Club*.

**14.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

14.10.01 Il-Kunsillier Galea ssuġerixxa li jiġi ċċekkjat jekk tistax tiżdied *charging point* oħra. Is-Sindku infurmatu li s-siti kollha li l-Kunsill kien issuġerixxa sabiex fihom jiġu nstallati ċ-*charging points*, ġew milqugħa u għandhom jiġu nstallati fil-qrib. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

14.10.02 Il-Kunsillier Galea rrefera għall-email li rċevejna mingħand persuna bi bżonnijiet speċjali li għandu bżonn informazzjoni dwar fejn qegħdin il- *communal reserved bays for blue badge holders* fl-Imqabba sabiex ikun jista' jtella' din l-informazzjoni fuq website li qed jibni għall-benefiċċju tal-persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku talbet lis-SE tirreferih għand TM li hija l-entità responsabbli mill-imsemmija *parking* bays u li għandha r-rekords kollha dwarhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.10.03 Il-Kunsillier Galea ressaq ilment dwar xi madum fi Ġnien Onġi Onġella li għola bl-għeruq tas-siġar u ssuġerixxa li l-ħaddiema tal-Kunsill jikxfuhom, inaddfu taħthom u jerġgħu iqiegħduhom f'posthom sabiex ma jweġġa ħadd fuqhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

14.10.04 Il-Kunsillier Galea semma li fi Ġnien Onġi Onġella hemm globu mkisser. Is-Sindku talbet lis-SE tiċċekkja mal-ħaddiema jekk għandnix xi wieħed li nistgħu nużawh, u jekk m'għandnix nordnaw u nixtru wieħed għaliex jekk il-lampa ma tkunx mgħottija u jidħol l-ilma fiha, ssir il-ħsara fuq id-dawl kollu tal-ġnien. Il-Kunsillieri qablu dwar dan.

14.10.05

14.10.06

**14.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/14**

14.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/14 ġiet approvata.

**14.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

14.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:40 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |